MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Lokali Il-Munxar

ID-DISA' LEĠISLATURA

Laqgħa Numru 27

L-Erbgħa 20 ta' Mejju 2026

Il-Kunsill Lokali Il-Munxar iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz 'Kunsill Lokali Il-Munxar, Triq Profs Ġuże' Aquilina, Il-Munxar, MXR 1012, Għawdex' nhar l-Erbgħa 20 ta' Mejju 2026 fil-5.30 ta' filgħaxija.

PREŻENTI:

Is-Sur Damien Spiteri – Sindku
Is-Sinjura Carmela Parnis – Viċi-Sindku
Is-Sur John Farrugia – Kunsillier
Is-Sur Mark Busuttil – Kunsillier

ASSENTI B'APOLOĠIJA (Skont Ordni Permanenti 14A (3)):

Is-Sur John Cassar - Kunsillier

UFFIĊJAL PREŻENTI:

Is-Sur Ryan Debrincat – Segretarju Eżekuttiv

Kunsill Lokali Il-Munxar

## Minuti

Is-Sindku s-Sur Damien Spiteri ppresjeda l-laqgħa.

### 27.1 Qari tal-ittri ta' apoloġija;

27.1.1 Is-Sindku għarraf lill-membri preżenti li l-Kunsillier John Cassar informa lill-Kunsill li ser ikun indispost u ma jistax jattendi għal-laqgħa. Il-membri tal-Kunsill li kienu preżenti aċċettaw l-ittra ta' apoloġija.

### 27.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti;

27.2.1 Billi l-minuti tal-laqgħa bin-numru 26 ġew ċirkolati minn qabel, dawn ġew meqjusa bħala moqrija.

27.2.2 Is-Sindku talab għal xi korrezzjonijiet li seta' kien hemm għall-minuti. Ma kienx hemm korrezzjonijiet għall-minuti.

27.2.3 Is-Sindku talab għall-approvazzjoni tal-minuti. Dawk preżenti kienu favur u dawn il-minuti ġew approvati u ffirmati.

### 27.3 Komunikazzjoni mis-Sindku;

27.3.1 Is-Sindku għarraf lill-membri li l-ħarġa kulturali li organizza l-Kunsill għar-residenti nhar is-7 ta' Mejju 2026 fl-okkażjoni ta' Jum L-Omm ġewwa l-Belt Valletta, saret b'suċċess u kien hemm attendenza numeruża.

27.3.2 Is-Sindku informa lill-membri li kellu laqgħa ma' rappreżentant ta' *Malta Libraries*, fejn ġie infurmat b'inizjattiva li se tittella' matul is-sajf li ġej fil-librerija tar-Rabat Għawdex. Din l-inizjattiva mbagħad tkun segwita b'sessjonijiet ta' informazzjoni fil-lokalitajiet rispettivi. Is-sehem tal-Kunsill Lokali se jkun li jidentifika kelliem għas-sessjoni fil-lokalita' tagħna, sabiex jipprovdi informazzjoni dwar postijiet ta' interess u fatti interessanti relatati mal-lokalità. Kien hemm qbil mill-membri għal din il-kollaborazzjoni.

Kunsill Lokali Il-Munxar

## 27.4 Mistoqsijiet mill-Kunsilliera;

27.4.1 Il-Viċi Sindku Carmela Parnis issuġġeriet sabiex isir xogħol ta' qtugħ ta' ħaxix ħażin madwar il-lokalita'. Kien hemm qbil mill-membri dwar dan.

27.4.2 Il-Kunsillier Mark Busuttil issuġġerixxa sabiex isir xogħol ta' tindif ġenerali u manutenzjoni fix-Xlendi kemm fi Pjazza Anfori kif ukoll qtugħ ta' ħaxix ħażin f'toroq oħra fix-Xlendi. Kien hemm qbil mill-membri sabiex tinġibed l-attenzjoni tal-Ministeru Għal Għawdex u L-Ippjanar li kienu huma li jagħmlu dan ix-xogħol hekk kif ikun se joqrob l-istaġun tas-Sajf.

## 27.5 Proġetti u Inizjattivi fil-Lokalita';

27.5.1 Is-Sindku għarraf lill-membri dwar il-proġett ta' installazzjoni ta' *railing* ġdid fil-parti ta' fuq ta' Triq San Xmun fix-Xlendi. Huwa nforma lill-membri li l-Kunsill ottjena l-permessi neċessarji mill-Awtorita' tal-Ippjanar, iffinalizza l-applikazzjoni għall-fondi flimkien mal-Kunsill Reġjonali Għawdex taħt il-fond *Development Planning Fund* tal-istess awtorita', u, se jkun qed japprova r-rapport tal-evalwazzjoni tas-sejħa tal-offerti.

27.5.2 Dwar il-proġett tal-installazzjoni ta' fanali dekorattivi fi Triq Rumani u Triq Kavallieri fix-Xlendi, is-Sindku għarraf lill-membri li l-Kunsill għaddej b'ħidma mal-Inġinier biex jiġu sottomessi dokumenti oħra mitluba mill-awtoritajiet sabiex jinħarġu l-permessi neċessarji, kif ukoll talab għall-estensjoni għat-tlestija tal-proġett lid-Diviżjoni għall-Gvern Lokali liema estensjoni ġiet approvata sal-aħħar ta' Diċembru 2026.

27.5.3 Fir-rigward tal-qlugħ u l-bdil tal-palm fi Trejqet il-Madonna tal-Karmnu fix-Xlendi, is-Sindku għarraf lill-membri li x-xogħlijiet mistennija jibdew fl-ewwel ġimgħa ta' Ġunju 2026.

27.5.4 Dwar il-proġett tad-daħla tal-Munxar, is-Sindku għarraf lill-membri li l-Kunsill irċieva l-kontijiet kollha tax-xogħlijiet imwettqa li qegħdin jiġu analizzati mill-Perit tal-Kunsill biex finalment isir il-ħlas kif ukoll tiġi sottomessa l-*claim* mad-Diviżjoni għall-Gvern Lokali kif ukoll mal-Awtorita' tal-Ippjanar.

Kunsill Lokali Il-Munxar

27.5.5 Is-Sindku għarraf lill-membri li hekk kif qed toqrob id-data tal-avveniment tal-ħames edizzjoni tal-*Fireworks and Gastronomy Festival*, nhar is-26 ta' Ġunju 2026, il-Kunsill għaddej b'ħidma amministrattiva għall-ġbir ta' kwotazzjonijiet u preparamenti oħra.

**27.6 Aġġudikazzjoni sejħa għall-offerti:**
***Tender For The Supply And Installation Of Composite Railings* – MXR/01/2026;**

27.6.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżenta l-offerti miftuħa nhar id-9 t'April 2026. Kien hemm offerta waħda:
Belm Ltd (000239998) - €9,375.00

27.6.2 Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżenta r-rapport tal-bord tal-evalwazzjoni. Il-bord irrakkomanda li din l-offerta tingħata lil Belm Ltd (000239998) li wara xi kjarifiki mitluba, kienet konformi mar-rekwiżiti mitluba, kif ukoll kienet fil-parametri tal-valur stmat tal-akkwist.

27.6.3 Il-membri tal-Kunsill preżenti laqgħu r-rakkommandazzjoni tal-bord u r-rapport ġie approvat.

**27.7 Korrispondenza, ilmenti / suġġerimenti u rapporti;**

27.7.1 Applikazzjoni għall-permess ta' divertiment mill-Kunsill:

- "I Love Xlendi Summer Events 2026" mill-Ministeru Għal Għawdex u L-Ippjanar – 26 ta' Lulju 2026 u 2, 9, 16, 23, 30 ta' Awwissu 2026;

Il-Kunsill ma sab l-ebda oġġezzjoni ġaladarba jiġu rrispettati l-kundizzjonijiet tal-Kunsill u jkun hemm in-*no objection* tal-Pulizija u ta' Transport Malta fejn applikabbli.

27.7.2 Il-Kunsill irċieva korrispondenza mingħand Għaqda Għajn Tuta Ta' Kerċem minħabba għeluq ta' Triq Ix-Xlendi nhar l-10 ta' Lulju 2026 bejn it-8.00am u 8.10am, 12.00pm u 12.10pm u bejn id-9.00pm u l-10.00pm biex jinħaraq logħob tan-nar mill-inħawi tal-Isqawi fil-Munxar b'rabta mal-festa Ta' Kerċem. Huma għarrfu lill-Kunsill li t-traffiku ser ikun iddevjat lejn Triq il-Munxar. Il-membri tal-Kunsill ma sabu l-ebda oġġezzjoni sakemm tiġi mħarsa s-saħħa u s-sigurta' ta' dawk preżenti u dawk nvoluti, kif ukoll ikun hemm il-permessi kollha

Kunsill Lokali Il-Munxar

meħtieġa mill-awtoritajiet kompetenti flimkien ma' polza t'assigurazzjoni fejn meħtieġ.

27.7.3 Il-Kunsill irċieva korrispondenza mingħand Nature Trust Malta sabiex jitpoġġa kontenitur żgħir bl-ilma għall-benefiċċju tal-fawna selvaġġa lokali. Dan huwa ssuġġerit li jitpoġġa fit-tarf ta' fuq ta' Triq il-Kantra fix-Xlendi. Il-Kunsill ma sab l-ebda oġġezzjoni sakemm il-post jinżamm nadif.

27.7.4 Il-Kunsill irċieva korrispondenza oħra mill-organizzazzjoni "Zibel Tribe" fejn qed titlob permess sabiex jitpoġġa kontenitur taż-żibel fi Pjazza Anfori fix-Xlendi għall-użu tad-*divers* li qed kontinwament jiġbru skart minn qiegħ il-baħar. Dan wara li l-Kunsill kien għarraf lil din l-organizzazzjoni sabiex jintużaw il-kontenituri tar-riċiklaġġ li diġa' hemm preżenti filwaqt li skart goff jinġabar b'xejn mill-Kunsill. L-organizzazzjoni għarrfet lill-Kunsill li l-iskart miġbur ikun ikkontaminat peress li jinġabar minn qiegħ il-baħar. Wara diskussjoni bejn il-membri dwar dan, il-Kunsill irreveda l-pożizzjoni tiegħu u ma sab l-ebda oġġezzjoni sakemm l-inħawi ta' madwar dan il-kontenitur jinżamm nadif u jitpoġġa fejn il-*Waste Depot* tal-istabilimenti kummerċjali.

27.7.5 Il-Kunsill irċieva korrispondenza b'invit lill-membri tal-Kunsill għaċ-ċerimonja ta' gradwazzjoni tal-*Kindergarten* fl-iskola Primarja ta' Sannat nhar l-4 ta' Ġunju 2026. Il-Kunsill innota il-kontenut.

27.7.6 Il-Kunsill irċieva korrispondenza mill-Awtorita' għall-Iżvilupp Reġjonali ta' Għawdex sabiex il-Kunsill jirrakkomanda lil xi persuni li fil-kwiet ta' djarhom qed jipreservaw tradizzjonijiet li jikkontribwixxu fil-ħajja tal-komunita'. Il-membri identifikaw persuni li kienet tirrestawra l-karrettuni kif ukoll persuna oħra li għadha attiva fix-xogħol tal-bizzilla.

27.7.7 Il-Kunsill irċieva korrispondenza mill-uffiċċju tad-Direttur Ġenerali għall-Gvern Lokali, wara s-sottomissjoni tal-applikazzjoni mill-Kunsill Lokali għall-inizjattiva 'Minn Pjazza għal Pjazza', li l-proposta tal-Kunsill ma kinitx magħżula għal din is-sena. Il-Kunsill innota dan.

27.7.8 Il-Kunsill irċieva korrispondenza mid-Diviżjoni għall-Gvern Lokali li l-applikazzjoni SPI/SCI/01/2026 - Finanzjament – Attivitajiet Kulturali Annwali 2026, ma kinitx eliġibbli skont artiklu numru 3.2. Il-Kunsill innota l-kontenut.

Kunsill Lokali Il-Munxar

27.7.9 Il-Kunsill irċieva korrispondenza mingħand is-Seminarju Minuri t'Għawdex b'ringrazzjament għall-kollaborazzjoni mill-Kunsill Lokali sabiex għat-tielet darba ġiet organizzata b'suċċess l-attivita' kulturali bl-isem "Għawdex tikka tikka, kull tikka storja, kull storja aħna!" nhar l-Erbgħa 15 t'April 2026. Il-Kunsill innota l-kontenut filwaqt li s-Sindku rringrazzja b'mod speċjali lill-Kunsillier John Farrugia għall-impenn tiegħu f'din l-attivita'.

27.7.10 Wara li l-Kunsill issottometta applikazzjoni lill-Kunsill Reġjonali Għawdex għall-finanzjament taħt l-iskema reġjonali *Sena tal-Gastronomija 2026*, sabiex tkopri parti mill-ispejjeż tal-attività *Fireworks and Gastronomy Festival* li se ssir fis-26 ta' Ġunju 2026 fi Triq l-Isqawi fil-Munxar, il-Kunsill Lokali ġie infurmat li dan il-finanzjament ma setax jiġi kkombinat ma' skema oħra għall-istess attivita'. Għaldaqstant, wara konsultazzjoni u qbil mal-Kunsill Reġjonali Għawdex, l-applikazzjoni ġiet emendata biex tiffinanzja u tappoġġja edizzjoni oħra tal-attivita' *"Il-Baħar X'Ra"*, li se ssir fis-7 ta' Awwissu 2026 fix-Xlendi. Kien hemm qbil mil-membri ma' din il-bidla.

27.7.11 B'rabta maċ-Ċirkulari Numru 1/2026 maħruġa mid-Direttur, Gvern Lokali (Finance and Procurement Compliance) – Chart of Accounts (COA), is-Segretarju Eżekuttiv ippreżenta kwotazzjonijiet miġbura sabiex il-Kunsill jakwista sistema ġdida tal-*accounts* li tkun *cloud based* hekk kif irrakkomandat f'din iċ-ċirkulari msemmija. Kien hemm qbil mill-membri għal dan l-akkwist.

27.7.12 Ċirkulari Numru 3/2026 maħruġa mid-Direttur, Gvern Lokali (Finance and Procurement Compliance) – Accounting Treatment ta' Assi Fissi (Non-Current Assests) u Aġġornament fuq id-Direttiva Numru 1/2017. Il-Kunsill innota l-kontenut.

27.7.13 Ċirkulari Numru 4/2026 maħruġa mid-Direttur, Gvern Lokali (Monitoraġġ u Sapport) – Elezzjoni Ġenerali 30 ta' Mejju 2026. Il-Kunsill innota l-kontenut.

27.7.14 Avviż mis-Sovrintendenza tal-Patrimonju Kulturali – Obbligu li Jiġu Rrapurtati Dgħajjes Tradizzjonali Abbandunati jew li Qegħdin Jiddeterjoraw fuq ix-Xtajta. Il-Kunsill innota l-kontenut.

27.7.15 PQ 35949 – Kunsilli Lokali : Laqgħat mal-Pulizija. Il-Kunsill innota l-kontenut u ssottometta t-tweġiba tiegħu.

Kunsill Lokali Il-Munxar

27.7.16 PQ 35865 – Kunsilli Lokali : Laqgħat mal-Pulizija. Il-Kunsill innota l-kontenut u ssottometta t-tweġiba tiegħu.

27.7.17 Ċirkulari Nru AKL 2026/030 – OHSA Training Sessions for Local Councils. Il-Kunsill innota l-kontenut.

27.7.18 Ċirkulari Nru AKL 2026/031 – You Matter – Thriving Under Pressure 08.05.2026. Il-Kunsill innota l-kontenut.

27.7.19 Ċirkulari Nru AKL 2026/032 – Inofrmation on Evening Master Course relating to Maltese Cultural Studies: Master in Maltese Studies. Il-Kunsill innota l-kontenut.

27.7.20 Ċirkulari Nru AKL 2026/033 – The ALDA International School is back: keep on making the difference. Il-Kunsill innota l-kontenut.

27.7.21 Ċirkulari Nru AKL 2026/034 – Best Rural Tourism Villages Competition. Il-Kunsill innota l-kontenut.

27.7.22 Ċirkulari Nru AKL 2026/035 – Call for evidence for the 2026 Annual Report on the State of Regions and Cities. Il-Kunsill innota l-kontenut.

27.7.23 Ċirkulari Nru AKL 2026/036 – Invitation: Launch of Maker Faire Malta 2026 (20 May). Il-Kunsill innota l-kontenut.

27.7.24 Ċirkulari Nru AKL 2026/037 – Consultation of local and Regional authorities on local integration practices concerning migrants. Il-Kunsill innota l-kontenut.

27.7.25 Ilment 93/2026
Resident fi Triq San Pawl fil-Munxar jilmenta dwar problema tal-ilma maħmuġ li qed jintefa' mill-ġirien fit-triq u jispiċċa jdaħħlu miegħu ġewwa d-dar. Dwar dan l-ilment, is-Sindku għarraf lill-membri li din it-triq hija waħda mit-toroq li l-Kunsill għadda lill-Ministeru Għal Għawdex sabiex isir intervent fuqha billi tingħata wiċċ ġdid u jsir *storm water culvert* matul din it-triq.

27.7.26 Ilment 94/2026
Resident jilmenta dwar mużika eċċessiva minn stabbiliment fi Triq ir-Rabat k/ma Trejqet il-Madonna tal-Karmnu fix-Xlendi. Kien hemm qbil

Kunsill Lokali Il-Munxar

mill-membri sabiex dan l-ilment jgħaddi għand il-Pulizija tal-Komunita'.

27.7.27 Ilment 95/2026
Jitlob sabiex *double yellow line* quddiem l-uffiċċju tiegħu fi Triq ir-Rabat fix-Xlendi jinbidel f'*un/loading bay* jew alternattiva oħra biex ikun jista' jieqaf iħott l-affarijiet. Kien hemm qbil mill-membri dwar dan.

27.7.28 Ilment 96/2026
Resident fi Triq Żirżieb fix-Xlendi jilmenta dwar il-kundizzjoni tat-triq li għadha qatt ma saret bit-tarmak minn meta nfetħet. Is-Sindku għarraf lill-membri li din it-triq hija waħda mit-toroq li l-Kunsill għadda lill-Ministeru Għal Għawdex sabiex isir intervent fuqha billi tingħata wiċċ ġdid.

27.7.29 Ilment 97/2026
Residenta fi Triq il-Kantra fix-Xlendi titlob sabiex jitneħħa *disabled parking bay* f'din it-triq minħabba li min kien jużah m'għadux jirrisjedi f'Malta. Kien hemm qbil mill-membri sabiex dan l-ilment jgħaddi għand Transport Malta biex tagħmel il-verifiki neċessarji u tieħu l-azzjonijiet meħtieġa.

27.7.30 Ilment 98/2026
Talba sabiex tinżabar siġra fi Triq il-Munxar fil-Munxar, li qed tagħti għal fuq it-triq bil-konsegwenza li qed jintilfu xi parkeġġi, kif ukoll talba sabiex jerġgħu jiġu nstallati l-ganċijiet għall-boroż taż-żibel. Wara diskussjoni bejn il-membri, kien hemm qbil sabiex il-ganċijiet ma jerġgħux jiġu nstallati minħabba l-problemi ta' żieda fl-iskart maħruġ mhux skont l-iskeda. Fir-rigward tas-siġra, kien hemm qbil mill-membri sabiex tingħibed l-attenzjoni tas-sid u tinżabar.

27.7.31 Ilment 99/2026
Talba sabiex jitwaħħal *non-slip tape* matul it-turġien li minn Triq Damasku jagħtu għal Pjazza tal-Knisja fil-Munxar. Kien hemm qbil mill-membri dwar dan.

27.7.32 Ilment 100/2026
Talba sabiex titneħħa kaxxa safra quddiem garaxx fi Triq ir-Ranċis fix-Xlendi minħabba li dan jintuża bħala appartament minflok garaxx. Kif ukoll jitneħħa *disabled parking bay* fuq in-naħa l-oħra tal-istess garaxx



Kunsill Lokali Il-Munxar

minħabba li min qed jużah għandu l-permess skadut. Kien hemm qbil mill-membri sabiex dan l-ilment jgħaddi għand Transport Malta biex tagħmel il-verifiki neċessarji u tieħu l-azzjonijiet meħtieġa.

27.7.33 Ilment 101/2026
Suġġeriment biex il-Kunsill isejjaħ laqgħa mas-sidien tal-appartamenti liċenzjati għall-kiri fix-Xlendi dwar l-importanza tal-osservanza tal-iskeda tal-ġbir tal-iskart. Is-Sindku għarraf lill-membri li laqgħa simili diġa' kienet saret ftit taż-żmien ilu u wara diskussjoni bejn il-membri kien hem qbil sabiex dan l-ilment jgħaddi għand il-Pulizija tal-Komunita' għal aktar infurzar.

## 27.8 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iSkeda ta' Pagamenti;

27.8.1 Skeda ta' ħlasijiet bin-numru 27/2026-9 għall-perjodu bejn il-11 t'April 2026 u l-20 ta' Mejju 2026 li tammonta għal €26,667.31 ġiet approvata u ffirmata. Il-Viċi Sindku Carmela Parnis kienet il-proponent filwaqt li l-Kunsillier Mark Busuttil is-sekondant.

## 27.9 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

27.9.1 Il-laqgħa tal-Kunsill intemmet fis-6.45 ta' filgħaxija u bi qbil unanimu ġiet aġġornata għall-Ġimgħa 12 ta' Ġunju 2026 fis-6.00 ta' filgħaxija.

Konfermati illum, il-Ġimgħa 12 ta' Ġunju 2026.

IFFIRMATA
Damien Spiteri
Sindku

IFFIRMATA
Ryan Debrincat
Segretarju Eżekuttiv

Kunsill Lokali Il-Munxar